**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' April, 2016

Rikors Nru : 434/15 AL

**AB**

**vs**

**Avukat Joseph Mizzi u l-PL Helen Valenzia nominate b'digriet tal-10 ta' Novembru 2015 bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu nhar il-15 ta' Novembru 2000 u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. A;

Illi l-partijiet ghandhom wild wahda u cioe` SB li twieldet nhar it-8 ta' Gunju 1997 u li ghalhekk illum –il gurnata ghandha 18-il sena;

Illi l-partijiet ilhom separti *de facto* ghal aktar minn erba (4) snin, tant li l-intimat jghix gewwa l-Istati Uniti tal-Amerika filwaqt li r-rikorrenti tghix hawn Malta. Ghal finijiet ta' pratticita` r-rikorrenti tiddikjara li l-ahhar indirizz li hija ghandha tal-intimat huwa : 11214 Anaqua Springs, 9 Rue Parker, Boerne, Texas 78006 USA, b'dan li l-email tieghu huwa stevetp9@gmail.com;

Illi l-partijiet ghandhom hajja kompletament separata minn xulxin u l-ebda manteniment m'hu dovut stante li l-wild SB tahdem fuq bazi full-time. Min-naha taghha ir-rikorrenti tiddikjara li stante li l-partijiet kienu diga` tterminaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom (ara Dok. B hawn anness) m'hemm ebda kwistjoni ta' manteniment bejn il-partijiet;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u jghixu f'zewg kontinenti differenti;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :-

1. tippronunzja d-divorzju, ossia hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepew :

Illi l-kuraturi qeghdin jaghmlu tentattiv sabiex jikkuntattjaw lill-intimat, pero sallum ghad ma kellhomx ezistu posittiv u ghalhekk m'humiex edotti ghal fatti tal-kaz;

Ghaldaqstant f'kaz li jirnexxilhom jaghmlu kuntatt jirrizervaw li, bl-awtorizazzjoni ta' din il-Qorti, jipprezentaw eccezzjonijiet fi stadju ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-23 ta' Novembru, 2015;

Rat illi ir-rikorrenti ipprezentat affidavit fejn ikkonfermat illi l-intimat ilu assenti minn Malta ghal madwar disa' snin;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' (4) snin;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, b'dan illi provvizorjament, ir-rikorrenti ghandha thallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-kuraturi deputati